A.L. 267 ta' l-2008

ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħola Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 4 u 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara li kkonsulta mal-Prim Ministru u mal-Ministru għall-Politika Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ogħola Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Ogħola Livell ta' Residwi ta' Pestiċidi fi Prodotti li joriġinaw minn Annimali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 117 ta' l-2005.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu trasposti d-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/17/KE tad-19 ta' Frar 2008 li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal *acephate, acetamiprid, acibenzolar-S-methyl, aldrin, benalaxyl, benomyl, carbendazim, chlormequat, chlorothalonil, chlorpyrifos, clofentezine, cyfluthrin, cypermethrin, cyromazine, dieldrin, dimethoate, dithiocarbamates, esfenvalerate, famoxadone, fenhexamid, fenitrothion, fenvalerate, glyphosate, indoxacarb, lambda-cyhalothrin, mepanipyrim, metalaxyl-M, methidathion, methoxyfenozide, pymetrozine, pyraclostrobin pyrimethanil, spiroxamine, thiacloprid, thiophanate-methyl* u *trifloxystrobin.*

Jemenda Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Parti B ta' Skeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif gej:

(a) l-intestatura 6 GLYPHOSATE għandha tiġi sostitwita kif ġej:

	Livelli massimi f'mg/kg		
Residwi tal-Pestiċida	ta' laħam, inkluż ix-xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Iskeda I taħt l-intestaturi nri 0201,0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	għall-ħalib u prodotti tal-ħalib elenkati fl-Iskeda I taħt l-intestaturi nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	ta' bajd frisk fil-qoxra għal bajd ta' l-agħsafar u isfra tal-bajd, elenkati fl-Iskeda I taħt l-Intestaturi nri 0407 00 u 0408
"GLYPHOSATE	2(p) kilwa tal-baqar 0.2(p) fwied tal-baqar 0.5(p) kilwa tal-majjal 0.1(p) kilwa tal-laħam tat-tiġieġ 0.05(*)(l) oħrajn	0,05(*)(l)	0,05 (*)(l)"; u

(b) minnufih fi tmiem in-noti li jinsabu taħt it-tabella fl-Iskeda, wara l-paragrafu (k) tagħhom, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(l) Tindika li l-livell massimu ta' residwi jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."